# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX0 INFERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tat-22 ta' Mejju 2002**

Avviz numru 116/97

Salvu Debono

-vs-

Joe Cassar

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-attur permezz ta' liema talab li l-konvenut jigi kkundannat ihalsu s-somma ta' tliet mija erbgha u tletin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm334.12) liema ammont huwa dovut lill-attur ghal diversi materjal u prodotti mehuda mill-hanut tieghu fil-perjodu ta' bejn il-hamsa u ghoxrin (25) t'Awissu ta' l-elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) sat-tmintax (18) t'Ottubru ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u dan kif jirrizulta mill-istatement anness (Dok A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja u ta' l-ittra ufficjali tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju 1997.

Bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas relattiv.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. illi m'hu dovut ebda bilanc ta' hlas lill-attur;

2. illi kwalunkwe bilanc ta' hlas li kien dovut lill-attur kien gie saldat bl-ahhar pagament ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm195.83) li sar fit-18 ta' Ottubru 1996;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza n-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut.

Ikkunsidrat:

Fil-ktieb tieghu "On Evidence" Powell (pag. 51) jghid li "the burden [of proof] frequently shifts, as the case proceeds, from the person on whom it rested at first to his opponent. This occurs whenever a "prima face case" has been established, on any issue of fact". Fil-kaz in disamina l-attur qieghed jippretendi hlas ta' tliet mija u erbgha u tletin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm334.12) minghand il-konvenut, rapprezentanti l-istess bilanc ta' ammont akbar import ta' materjal mibjugh. Min-naha tieghu l-konvenut jopponi li m'hemm ebda bilanc dovut. Ghalhekk, fl-ewwel lok jispetta lill-attur li jipprova l-ammont minnu dovut u jekk dan hu ppruvat li l-konvenut jipprova l-kuntrarju.

Il-prova li jipprovdi l-attur tikkonsisti sostanzjalment f'rendikont akkompanjat b'fatturi. Dawn, imqabblin flimkien, effettivament juru l-bilanc pretiz u imsemmi fl-avviz.

Il-konvenut, min-naha tieghu, fil-waqt li ma nnegax li huwa kien jixtri regolarment bid-dejn minghand l-attur, xehed:

- li fir-rigward l-ewwel tlettax-il partita huma kienu imhalsa "cash" u bhala prova esebixxa "statements" fejn l-istess partiti ma jirrizultawx;

- li l-partita numru 120169 bid-data tas-26 ta' Frar 1996 ghall-ammont ta' mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm161) kienet ukoll imhalsa u esebixxa dak li hu sejhilha "ricevuta';

- li r-ricevuta bin-numru 505 bid-data tal-5 ta' Frar 1995 "kien ilu li hallashom ghomor";

- li ghal dak li hu bilanc, wara li kien ikkosnidra t-tliet punti fuq imsemmija, kien ikkalkola x'kien l-ammont li kien jonqsu ihallas, li kien irrizultalu fl-ammont ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm195.83), u halsu. Fil-kuntest ta' dan il-pagament stqarr li kien dehrlu li kien l-ahhar pagament ghas-saldu.

Fuq dan li jsostni fuqu l-konvenut, l-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid:

Li rigward l-ewwel punt, li d-dokumenti esebiti mill-istess konvenut, cioe' d-dokti JC1 sa JC6, huma sekwenza ta' xulxin u jitilqu mill-ammont bilancjali ta' tliet mija tmintax-il lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm318.33) wara li tnaqqas il-pagament ta' mitejn lira Maltin (Lm200);

Li rigward it-tieni, li dak li jsostni l-konvenut mhux supportat miz-zewg dokuemti in propositu stante li ghandu jirrizulta li d-dokument m'huwiex "cash sale", kif jippretendi l-konvenut, izda "delivery note" tant li fuq l-original hemm il-firma tal-konvenut li ma gietx kontradetta;

Li rigward it-tielet, ir-rendikont esebit mill-attur jitkellem car;

Li rigward ir-raba' fin-nuqqas ta' prova konkreta da parti tal-konvenut li huwa ghamel pagamenti oltre dawk murija fir-rendikont ta' l-attur, l-ammont bilancjali hu dak pretiz u imsemmi mill-attur fl-avviz.

Ghaldaqstant jirrizulta li l-attur ipprova t-talba tieghu kif minnu dedotta fl-avviz fl-oppost tal-konvenut li naqas li jipprova dak minnu allegat u sa fejn kien jinkombi fuqu li jipprova.

In vsita tal-fuq espost, ghalhekk, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut ihalsu l-ammont ta' tliet mija u erbgha u tletin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm334.12) kif mitlub fl-avviz bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja u l-ittra ufficjali kontra l-konvenut u bl-imghax dekoribbli mit-18 ta' Ottubru 1996 sad-data tal-effettiv pagament.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur